FIL-QORTI CIVILI

(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 106/19 AGV**

AB

Vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-1 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-2 ta' Dicembru, 2006 gewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Imsida u l-istess zwieg taghhom huwa registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru 2222/2006 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A."

2. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.

3. Illi l-partijiet iddikjaraw li ilhom *de facto* separati minn xulxin ghal aktar minn erba' snin cioe' sa minn 2015 u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Agius kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B".

4. Illi fl-2017 ir-rikorrenti pprezenta ittra sabiex jibda l-process ta' medjazzjoni u sussegwentement l-partijiet gew legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Matthew Agius.

5. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi l-ebda manteniment ma hu dovut, mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni fil-konfront tal-intimata, da parte tar-rikorrent.

7. Illi dan kollu hu konfermat mir-rikorrent fl-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok "C."

8. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66A et.seq. tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportun u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:-

1.Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.

Bl-ispejjes ikunu kollha divizi ugwalment bejn il-partijiet.

Rat l-affidavit tar-rikorrent fejn ighid li hu u l-intimata kienu zzewwgu fit-2 ta' Dicembru, 2006 u ma kellhomx tfal. Mis-sena 2014 kien diga' beda d-dizgwid u dan kompla kiber sas-sena 2015, minkejja li ghamlu diversi sforzi, anke sahansitra xtraw dar gdida fil-Mellieha.

Ighid li fis-sena 2017 kien beda bil-proceduri ta' separazzjoni, imbaghad fil-31 ta' Jannar, 2019 kienu sseparaw legalment.

Ighid li ma kienx obbligat li jhallas manteniment lill-martu.

Rat l-Artikolu 66 A, B u C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* mis-sena 2014 u cioe' ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 31 ta' Jannar, 2019 fl-atti tan-Nutar Dr. Matthew Agius.

Illi r-rikorrent pprova ukoll li ma kinitx tezisti cans ta' rikonciljazzjoni.

Illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**